# FRA ELIJA GRECH, O. F. M.

Fit-3 ta' Novembru 1951, jiġifieri erba' snin ilu, miet fl-isptar żgħir tar-Rhieb Franġiskani f'Ġerusalem, Fra Elija Grech, ajk Malti mill-Mellieħa. Kellu sitta u tmenin sena, u kien ilu l-Palestina tnejn u sittin sena. Għal hekk jixraq li f'din ir-Rivista ngħidu xi ħaġa fuqu.

Jien li qiegħed nikteb, lil Fra Elija nafu sewwa. Nafu għax meta kont Ġerusalem (wara l-1920, Fra Elija dak iż-żmien kellu ftit fuq il-ħamsin sena) bosta drabi ħriġna nduru xi dawra flimkien. Ma nafx l-istorja ta' ħajtu, għad li naf li kien kjeriku u qaleb għal ajk, imma naf sewwa x'kien isarraf.

X'kien Fra Elija tista' tgħidu fi ftit kliem: kien iben tassew ta' San Franġisk t'Assisi. Il-wegħdi li jagħmlu r-Rhieb Franġiskani huma, li jkunu foqra, indaf f'ruħhom, u li jisimgħu minn min hu fuqhom. U dan kien Fra Elija. Jiena dħalt fiċ-ċella tiegħu li kellu fid-Dejr tal-Qabar ta' Kristu. Ma kellu xejn għajr sodda mgerfxa, mejda u siġġu, xi żewġ ċoqoq qodma mdendlin mal-ħajt, inkwatru, svelja-rin, xi żewġ kotba tal-knisja u globu żgħir tad-dinja (u ried jagħtihuli u ma ħaddtux). U xejn aktar.

Għal dik li hi ndafa fir-ruħ, kemm tkellimna flimkien (u ma tkellimniex ftit), qatt ma naf li semma tismija, jew qal nofs ta' kelma, biċ-ċajt jew bis-sod, li tista' tittieħed bħal m'hix xierqa. Kif nafu jien, nista' ngħid li dawn il-ħwejjeġ tad-dinja donnu li ma kienx jaf bihom, ara kemm ma kien isemmi fuqhom qatt u xejn. Fuq it-tielet wegħda, ġrajjietu jitkellmu weħidhom, għax li ma kienx jisma' minn ta' fuqu, kieku ma kienx jgħaddi dawk is-snin kollha fil-Qabar ta' Kristu, fejn jeħtieġ li tagħmel li jgħidulek b'reqqa kbira, għax inkella jista' jinqala' m'hux ftit għawġ.

Fra Elija ma kienx raġel ta' skola, u aktarx, biex jewilla ma jkollux għal



**FRA ELIJA, META KELLU 56 SENA**

**Ritratt meħud quddiem il-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu, ma' xi Maltin tan-Navy, li telgħu minn Kajfa jżuru Ġerusalem. It-tifel li hemm fl-art, hu bin Mattija, il-bewwieb tal-Qabar ta' Kristu, Ommu, Maltija, minn Bormla.**

fejn jitkabbar, qatt ma fittex li jitgħallem. Kollox kemm jiddobba. Kien jitkellem bit-Taljan kif jisimgħu, u bil-Għarbi ta' hemm, għad li jixbah ħafna lil Malti, anqas ma kien jaf sew. Kollox kemm jiddobba. Naqra ta' ajk

ma kellux għal fejn jaf wisq.

Ħajtu, Fra Elija, kienet xogħol, xogħol u xogħol. Jien nafu fil-Qabar ta' Kristu, fejn kont immur darba jew darbtejn kull jum. Jiġri min-naħa għall-oħra tal-Bażilika, ikaxkar il-qorq. Jiknes, ifarfar, jarma u jżarma, iġorr gandlieri u xema' ibiddel lampieri u jdendel jew jaqla' damask. U hemm



**FRA ELIJA, META KELLU 86 SENA**

**Ritratt meħud fuq il-bejt ta' l-Infermerija tal-Franġiskani f'Ġerusalem, ftit żmien qabel ma miet.**

x'tarma u żżarma fil-Qabar ta' Kristu! Festi fuq festi u kull festa l-armar tagħha. Sa artal tal-fidda hemm li jintrama quddiem l-Edikola, fil-festi l-kbar. U kollox irid isir f'ħinu u mkienu, għax inkella jista' jinqala' l-ġlied mal-Griegi u l-Armeni, bħalma nqala' kemm-il darba, għad li kemm dam hemm Fra Elija, sagristan ewlieni, qatt ma nqala' xejn.

Għax, għal min ma jafx (u ħafna nies hawn Malta ma jafux), il-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu qegħda f'idejn tliet xorta ta' Insara: il-Latini (jiġifieri l-Franġiskani), il-Griegi Xiżmatiċi u l-Armeni. U ma' dawn nistgħu nżidu l-Kopti u s-Sirjani, għax dawn ukoll għandhom xi rokna fil-Bażilika u jistgħu jagħmlu hemm il-purċissjonijiet. Kull pilastru li hemm fil-Bażilika, kull biċċa ħajt, kull tarag u kull mogħdija, huma ta' xi ħadd. U hemm ukoll fejn hu tat-tlieta f'daqqa, bħalma hu l-Qabar Imqaddes ta' Kristu. Minn ħin sa ħin jagħmlu minnu l-Griegi, u l-Kattoliċi u l-Armeni ma jistgħux jersqu 'l hemm. Minn ħin sa ħin ikun f'idejn il-Kattoliċi u l-Griegi u l-Armeni ma jistgħux jidħlu fih anqas jgħaddu minn quddiemu, u hekk. Minn hekk jidher kemm hi ħaġa kbira li tkun sagristan fil-Qabar ta' Kristu, għax jekk wieħed jegħlet naqra, jew tinqala' ġlieda (kulħadd jagħti b'kull ma jsib quddiemu, bħalma ħafna drabi ġara), jew jintilef xi jedd.

Għalhekk Fra Elija kien raġel li għamel ħwejjeġ kbar, imma dak li għamel ma jidhirx għax qiegħed fiċ-ċokon. M'hux politku magħruf bħal Churchill, anqas gwerrier kbir bħal Montgomery, imma hu politku akbar għax mexxa l-Qabar ta' Kristu għal bosta snin bla ma qatt inqala' ġlied, jew intilfu jeddijiet (u żdiedu l-jeddijiet fi żmienu, għax żdied l-istazzjon tad-Duluri fuq il-Kalvarju. Ara din ir-Rivista, faċċati 26 u 27). U kien gwerrier kbir, u l-ewwel ġlieda kbira li rebaħ kienet ġlieda miegħu nnifsu (igħid Ċiċeruni: *Sibi mperare magnum est imperium*), meta minn kjeriku għadda għal ħajja baxxa ta' ajk, minn

f'lok ma naża' ċ-ċoqqa u telaq 'il-barra.

Fra Elija issa qiegħed il-ġenna. Tax-xogħol kbir u tqil li ħadem u tas-sabar li ssabbar u ta l-hemm li themmem fid-dinja, hawnhekk ma ħa ebda ħlas. Għalhekk qiegħed jitħallas kif kien jixraq, fis-sema. U hemm jiftakar fina wkoll, ħbiebu, qrabatu u ħutu fir-Reliġjon fid-dinja. Biex bit-talb tiegħu jgħinna ħalli nistgħu nerġgħu niltaqgħu hemmhekk u ma ninfirdux aktar.

FRA MATTIJA, O.F.M.

---

# IL-MARTRI TA' L-ARMENJA

Is-sena 1920 bdiet għall-Ordni tagħna bi ġrajja ta' demm. Il-mibegħda lejn it-Tagħlim ta' Kristu Msallab ħasslet għal darb'oħra ċ-ċoqqa ħarxa tal-patrijiet tagħna bid-demm tal-martri. U fis-Sema dwiet l-għanja tar-rebħa.

F'Jannar tas-sena 1920, it-Torok ta' l-Armenja xegħlu kontra l-Insara. L-isem biss tan-Nazzarenu Ġesù kien iqanqal f'qalbhom mewġa ta' mibegħda li ma straħitx qabel sikret bid-demm tal-martri. Ħarġu fuq l-Insara bħal ilpup imġewħa u qattgħuhom u biċċruhom u serqulhom djarhom. Ġrajja ta' biża' li għamlet għajb lis-sekli tagħna u li fakkritu fil-persekuzzjonijiet ta' l-Ewwel Żminijiet tal-Knisja.

Il-patrijiet tagħna tal-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa kienu ilhom li daħlu fl-Armenja ma' dwar sittin sena. Għallmu u xandru t-Tagħlim ta' Kristu, fetħu skejjel u sptarijiet u bnew djar fejn jilqgħu l-iltiema. L-Insara Armeni kienu jħobbuhom daqs dawl għajnejhom.

Fil-bidu ta' l-Ewwel Gwerra l-Kbira (1914-1918), il-patrijiet tagħna ġew imġegħlin jitilqu 'l barra mill-Armenja. Kellhom iħallu warajhom il-frott xejn żgħir tal-ħidma għaqlija tagħhom. In-nies bkiethom u wegħdithom li tibqa' żżomm dejjem bla mittiefes tagħlimhom. Il-franġiskani wegħduhom ukoll li kif tispiċċa l-gwerra jerġgħu jaħsbu fihom. U ma naqsux minn kelmthom.

Fis-sena 1919, l-franġiskani reġgħu daħlu fl-Armenja u fuq il-ħerba li ħalliet wara l-Gwerra bdew jibnu mill-ġdid kappelli, skejjel, sptarijiet u djar għall-iltiema. Ix-xogħol kien miexi ġmielu. Id-djar ta' l-iltiema kienu mimlija, iżda l-Mibgħeda, b'għajnejha mċajpra bla ħajja, kienet qed tgħasses biex teqred 'l Ulied il-Fqajjar u l-ħidma fejjieda tagħhom.

U hekk fis-sena 1920 minn fuq l-Armenja għaddiet, taqta' ħafif, ix-xabla tal-persekuzzjoni. Il-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa kellha sitt martri: tliet saċerdoti, żewġ ajkijiet, u terzjarju profess li miet bl-għejja u bil-bard waqt vjaġġ twil meta ġie mkeċċi mit-Torok.

Fis-sena 1919, tliet franġiskani tal-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa reġgħu lura f'Mugiuderesi. Kienu patri u żewġ ajkijiet. Patri Franġisk De Vittorio flimkien ma' Fra Fredu Dolenz u Fra Salv Sabatini beda jaħdem biex jiġbor l-insara li kienu xterdu minħabba l-gwerra. U rnexxielu. Ġabar il-Kattoliċi kollha, fetħilhom il-kappella u x-xogħol kien miexi ħarir. Irnexxielu jiġbor ukoll tletin iltim.

Għall-ħabta ta' nofs Jannar 1920, Patri Franġisk beda jintebaħ li kienet ġejja xi waħda mill-kbar fuq l-Armenja. Beda jaħseb għalhekk fejn seta'